IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2013
COM(2013) 858 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti)

1. INTRODUZZJONI

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea hija element ċentrali għal żona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Kooperazzjoni bħal din hija partikolarment neċessarja sabiex tiġi żgurata trażmissjoni effiċjenti ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji għal skopijiet ta' notifika bejn l-Istati Membri. In-notifika ta' dokumenti hija parti minn kull kawża ġudizzjarja. Trażmissjoni mingħajr dewmien u sigura ta' dokumenti hija għalhekk kruċjali għal amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-partijiet, b'mod partikolari tal-konvenuti, fi proċedimenti ġuridiċi.

Qabel kull azzjoni tal-Unjoni dwar dan, in-notifika transkonfinali ta' dokumenti bejn l-Istati Membri kienet prinċipalment regolata mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-notifika ta' dokumenti[1].

Fid-29 ta' Mejju 2000, l-Unjoni Ewropea adottat ir-Regolament (KE) Nru 1348/2000[2] li jistabbilixxi regoli tal-proċedura biex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni transkonfinali ta' dokumenti ("ir-Regolament tal-2000"). Ir-Regolament applika għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea ħlief id-Danimarka. Madankollu, l-applikazzjoni tiegħu ġiet estiża għad-Danimarka permezz ta' ftehim parallel konkluż bejn l-Unjoni u d-Danimarka[3].

Fl-1 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni Ewropea adottat rapport[4] dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-2000. Ir-rapport ikkonkluda li l-applikazzjoni tar-Regolament kien tejjeb it-trażmissjoni u n-notifika ta' dokumenti bejn Stati Membri mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2001. Madankollu, ir-rapport stqarr ukoll li l-livell ta' għarfien ta' dawk involuti fl-applikazzjoni tar-Regolament, b'mod partikolari korpi lokali, kellu bżonn jittejjeb u li adattament ta' ċerti

---

1 Konvenzjoni tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali, http://hcch.e-vision.nl/index_en.php?act=conventions.text&cid=17

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, ĠU L 160, 30.6.2000, p. 37–52 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32000R1348:EN:NOT

3 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, ĠU L 300/55, 17.11.2005, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2005/l_300/l_30020051117en00550060.pdf . Dan il-ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007

4 Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1348/2000 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali {SEC(2004)1145, COM/2004/0603 finali, http://eurlex.europa.eu/smartapi/cgi/sga_doc?smartapi!celexplus!prod!DocNumber&lg=en&type_doc=COMfinal&an_doc=2004&nu_doc=603

dispożizzjonijiet tar-Regolament setgħu jittejbu aktar u jiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament. B'hekk, il-Kummissjoni pproponiet emenda fl-2005[5].

Mit-13 ta' Novembru 2008, ir-Regolament tal-2000 ġie mibdul bir-Regolament (KE) Nru 1393/2007[6] tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ("ir-Regolament tal-2007" jew "ir-Regolament"). Dan ir-Regolament japplika bl-istess mod għad-Danimarka taħt il-ftehim parallel bejn l-UE u d-Danimarka.

L-iktar modifiki importanti introdotti bir-Regolament tal-2007 huma:

- ħtieġa għall-aġenzija li tirċievi biex tieħu l-passi kollha meħtieġa biex twettaq in-notifika tad-dokument malajr kemm jista' jkun, u jkun xi jkun il-każ, fi żmien xahar mill-irċevuta;
- il-ħolqien ta' formola standard ġdida biex id-destinatarju jiġi avżat dwar id-dritt tiegħu li jirrifjuta d-dokument;
- l-introduzzjoni ta' ħlas fiss uniku għall-kostijiet tan-notifika, stipulat mill-Istati Membri bil-quddiem; u
- kundizzjonijiet uniformi għan-notifika bil-posta.

L-Artikolu 24 tar-Regolament tal-2007 jistipula li mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2011 u kull ħames snin wara din id-data l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni tar-Regolament u tipproponi emendi kif neċessarju.

Il-Kummissjoni nediet studju fl-2011[7] sabiex tiġbor id-dejta u tivvaluta l-applikazzjoni tar-Regolament (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-istudju"). L-istudju jinkludi analiżi ġudizzjarja u parti empirika bbażata fuq stħarriġ li sar fost gruppi differenti ta' partijiet interessati mill-Istati Membri kollha[8].

L-applikazzjoni tar-Regolament tal-2007 ġiet diskussa waqt laqgħat tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali fl-14 ta' Jannar 2008, fit-18 ta' Settembru 2008, fit-30 ta' April 2009, fit-23 ta' Ġunju 2010 u fid-9 u l-10 ta' Frar 2012. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkunsidrat ittri taċ-ċittadini, ilmenti, petizzjonijiet u deċiżjonijiet preliminari mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja rigward ir-Regolament[9].

Dan ir-Rapport jippreżenta l-ewwel valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-2007 tal-Kummissjoni għall-perjodu bejn l-2008 u l-2012.

---

5 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (COM(2005) 305 finali - 2005/0126 (COD)).

6 Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, GU L 324, 10/12/2007 P. 0079 – 0120, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32007R1393:EN:HTML .

7 MainStrat, Studju dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, rapport finali Lulju 2012.

8 Twettaq total ta' 465 intervista madwar l-UE u 38 espert Ewropew ippreżenta opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

9 B'mod partikolari Kawża C-14/08 Roda Golf & Beach Resort SL u Kawża C-325/11 Alder.

2. L-ELEMENTI EWLENIN TAR-REGOLAMENT

Ir-Regolament japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fejn dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarju jrid ikun trażmess minn Stat Membru għal ieħor għal notifika hemmhekk. Huwa jistipula metodi differenti ta' trażmissjoni bejn Stati Membri, b'mod partikolari permezz ta' aġenziji li jibagħtu u li jirċievu, bil-posta, jew b'mezzi konsulari jew diplomatiċi, jew anke direttament[10]. Regola speċjali dwar l-istabbiliment tad-data tan-notifika tipproteġi l-interessi ta' kemm ir-rikorrent kif ukoll id-destinatarju tan-notifika. Id-destinatarju huwa protett ukoll mir-regoli dwar l-użu ta' lingwi tad-dokumenti li jridu jiġu mwassla u bir-regoli li l-qrati jridu jirrispettaw meta l-konvenut ma jidhirx. In-notifika m'għandhiex tirrikjedi l-pagament ta' kostijiet jew taxxi fi Stat Membru destinat, ħlief jekk kien hemm metodu partikolari ta' notifika jew rikors għal uffiċjal ġudizzjarju. F'dak il-każ, ir-rikorrent jerfa' l-kost ta' ħlas fiss uniku.

Stati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu l-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja għall-iffunzjonar tajjeb tar-Regolament. Kull Stat Membru għandu korp ċentrali[11] biex jipprovdi l-informazzjoni lill-aġenziji, isolvi kull diffikultà li tista' tinqala' u jibgħat rikjesti għal notifiki permezz tal-aġenzija li tibgħat lill-aġenzija li tirċievi rilevanti.

3. APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li r-Regolament jopera tajjeb u li laħaq l-objettiv tiegħu biex tiżdied iċ-ċertezza ġuridika fin-notifika ta' dokumenti transkonfinali kif ukoll il-ħeffa u l-effiċjenza fit-trażmissjoni bejn l-Istati Membri.[12] Madankollu, ċerti punti jistħoqqilhom attenzjoni sabiex jiġi evalwat jekk u kif is-sistema ta' notifika bejn l-Istati Membri tistax tittejjeb aktar.

3.1. Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

Ir-Regolament ikopri dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji li jridu jiġu trażmessi minn Stat Membru għal ieħor għal notifika hemm fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. Numru ta' mistoqsijiet tqajmu fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament:

3.1.1. Liem dokumenti jistgħu jiġu trażmessi bejn l-Istati Membri għal skopijiet ta' notifika: il-kunċett ta' dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji

Fil-Kawża C-14/08 (*Roda Golf*), il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li mhix f'idejn il-liġi nazzjonali li tiddetermina liem dokumenti jistgħu jiġu trażmessi skont ir-Regolament, bejn Stati Membri għal skopijiet ta' notifika. Il-mistoqsija mibgħuta lill-Qorti kienet tikkonċerna n-notifika ta' att notarili fin-nuqqas ta' proċimenti ġuridiċi. Il-Qorti ċċarat li l-kunċett ta' "dokument extraġudizzjarju" fil-kuntest tal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-2000 (li huwa l-istess bħall-Artikolu 16 tar-Regolament tal-2007) huwa kunċett tal-Unjoni li għandu jkun interpretat unanimament. Jekk jitqiesu l-objettivi tat-Trattat u tar-Regolament, li jimmiraw li

---

10 Dan ifisser notifika permezz ta' persuni kompetenti tal-Istat Membru destinat meta dan ikun permess taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru.

11 Stat federali, wieħed b'numru ta' sistemi ġuridiċi jew li għandu unitajiet territorjali awtonomi jista' jsemmi iktar minn aġenzija waħda bħal din jew korp ċentrali wieħed.

12 78,5% tal-intervistati tal-istudju ta' evalwazzjoni qasmu l-perċezzjoni ġenerali li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tejjeb u ħaffef in-notifika ta' dokumenti fost l-Istati Membri. ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, p. 22.

jistabbilixxu sistema għal notifiki interni tal-UE li l-iskop tagħha hu l-funzjonament xieraq tas-suq intern, il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma tistax tkun limitata għal proċedimenti ġuridiċi biss iżda wkoll tapplika fin-nuqqas ta' proċedimenti ġuridiċi. Bħala riżultat, il-Qorti ddeċidiet, li n-notifika ta' att notarili fin-nuqqas ta' proċedimenti ġuridiċi taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

3.1.2. Meta għandhom jiġu trażmessi dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji minn Stat Membru għal ieħor għal skopijiet ta' notifika?

Fil-kawża C-325/11 (*Alder*), ġiet riferuta mistoqsija importanti oħra rigward il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-mistoqsija hi jekk għandhiex tkun f'idejn il-liġi nazzjonali biex tiddetermina f'liem sitwazzjonijiet dokument għandu jiġi trażmess, skont ir-Regolament, bejn l-Istati Membri għal skopijiet ta' notifika. F'dan il-każ, żewġ ċittadini residenti l-Ġermanja ressqu proċedimenti kontra żewġ ċittadini residenti l-Polonja quddiem il-qrati Pollakki. Il-liġi proċedurali Pollakka tirrikjedi li rikorrenti barranin jinnominaw rappreżentant fil-Polonja awtorizzat li jaċċetta n-notifika ta' dokumenti; in-nuqqas ta' dan jirriżulta li d-dokumenti jiġu mpoġġija fil-fajl tal-kawżi, li huwa meqjus li jikkostitwixxi n-notifika. Ir-rikorrenti naqsu milli jinnominaw rappreżentat u t-talba tagħhom ġiet injorata wara s-smigħ, li ma dehrux għalih. Il-Qorti ddeċidiet li fejn id-destinatarju tad-dokument huwa residenti fi Stat Membru ieħor in-notifika ta' dokument ġudizzjarju trid tiġi affettwata neċessarjament f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament[13]. Bħala riżultat, sistema li tirrekjedi rappreżentant fl-Istat Membru fejn hemm il-qorti għal skopijiet li jiġu notifikati dokumenti ġudizzjarji lil partijiet residenti fi Stati Membri oħrajn mhixkonformi mar-Regolament.

3.1.3. Notifika elettronika

In-notifika elettronika hija metodu emerġenti ta' kif jiġu notifikati dokumenti ġewwa Stati Membri. Fil-maġġoranza tas-sistemi fejn jeżisti metodu ta' notifika bħal dan, iċ-ċittadini (ġeneralment istituzzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji) jirreġistraw mal-qrati, b'hekk jippermettu li jiġu notifikati direttament b'mezzi elettroniċi. Bħalissa, ir-Regolament ma jsemmix is-servizz elettroniku. Tqajmet l-mistoqsija f'ċerti Stati Membri jekk ċittadini barranin jistgħux jirreġistraw fis-sistema ta' notifika elettronika nazzjonali u jekk notifika effettwata fuq dawn il-barranin għandhiex tiġi kkunsidrata notifika transfruntiera għal skopijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament. Ir-risposta għal din il-mistoqsija għandha konsegwenzi importanti, bħal jekk id-dritt li jiġi rifjutat dokument li mhux miktub f'waħda mil-lingwi previsti fl-Artikolu 8 tar-Regolament japplikax. Għandu jiġi meqjus jekk notifika elettronika għandhiex tkun disponibbli fuq livell transfruntier u jekk u kif ir-Regolament għandu japplika f'każ bħal dan. L-introduzzjoni ta' notifika elettronika bħala wieħed mill-metodi previsti fir-Regolament tista' trawwem użu effettiv tat-teknoloġija u tista' tnaqqas l-ispejjeż u d-dewmien tat-tilwim fuq distanza twila. Qed jitwettqu diversi proġetti pilota, bħall-proġett "Notifika ta' dokumenti tal-ġustizzja elettronika" li huwa kofinanzjat mill-Kummissjoni. L-għan ta' dan il-proġett hu li jiġi stabbilit skambju dematerjalizzat u sigur ta' dokumenti permezz ta' pjattaforma elettronika bejn il-Ministeri tal-Ġustizzja, il-qrati, l-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs), u l-avukati. Il-proġett huwa konness mal-proġett e-Codex li għandu l-għan li jtejjeb b'mod iktar ġenerali l-iskambji transfruntieri ta' informazzjoni fi proċedimenti ġuridiċi b'mod sigur, aċċessibbli u sostenibbli.

[13] Is-sentenza fil-Kawża C-325/11 (*Alder*) tad-19 ta' Diċembru 2012.

3.1.4. In-notifika ta' dokumenti u l-abolizzjoni tal-exequatur

L-abolizzjoni gradwali tal-exequatur tqajjem il-mistoqsija dwar il-bżonn ta' grad aktar għoli ta' armonizzazzjoni rigward regoli proċedurali ċivili nazzjonali, b'mod ġenerali, u rigward regoli dwar in-notifika ta' dokumenti, b'mod partikolari. Id-diskussjonijiet matul in-negozjati dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Riformulazzjoni Brussell I)[14], il-proposta għal Regolament li joħloq Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet biex jiġi ffaċilitat l-irkupru tad-dejn transfruntier fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali,[15] u l-proposta għal Regolament dwar rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili[16] wrew li r-regoli tal-Istati Membri jvarjaw sostanzjalment fuq mistoqsijiet fundamentali bħal

- liem dokumenti huma notifikati lill-partijiet fi proċedimenti ġuridiċi: filwaqt li dokumenti li jintroduċu proċedimenti huma ġeneralment notifikati fl-Istati Membri kollha, hemm varjazzjoni wiesgħa dwar in-notifika ta' sentenzi, konvokazzjonijiet għal seduti, eċċ. Is-sentenzi, pereżempju, huma notifikati f'ċerti Stati Membri, xi kultant anki bħala kundizzjoni għall-eżegwibbiltà tas-sentenza fl-Istat fejn hemm il-qorti, filwaqt li fi Stati Membri oħra s-sentenzi ġeneralment mhumiex notifikati iżda għandhom jinġabru mill-qorti mill-partijiet infushom;

- f'liem ċirkostanzi d-dokumenti jiġu notifikati: pereżempju, f'ċerti Stati Membri s-sentenzi mhumiex notifikati meta l-partijiet kienu preżenti jew rappreżentati fil-proċedimenti, f'ċerti Stati Membri s-sentenza hija notifikata b'mod obbligatorju bħala l-ewwel pass fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni;

- minn min jiġu notifikati d-dokumenti: f'ċerti Stati Membri, in-notifika hija ġeneralment ir-responsabbiltà tal-partijiet, filwaqt li fi Stati Membri oħra l-qorti tieħu ħsieb in-notifika tad-dokumenti. F'numru ta' Stati Membri, ir-responsabbiltajiet ivarjaw skont x'tip ta' dokument irid jiġi notifikat (dokument li jintroduċi l-proċedimenti, konvokazzjonijiet għal seduti, sentenzi, eċċ.);

- fuq min jiġu notifikati d-dokumenti: pereżempju, f'ċerti Stati Membri d-dokumenti huma notifikati fuq il-partijiet infushom filwaqt li fi Stati Membri oħra d-dokumenti jew ċerti tipi ta' dokumenti jistgħu jew anki jridu jiġu notifikati fuq ir-rappreżentant legali tagħhom fl-Istat fejn tinsab il-qorti;

- dwar il-konsegwenzi ġuridiċi marbuta ma' notifika (eż. il-bidu tal-iskorriment tar-restrizzjonijiet taż-żmien, pereżempju għal appell, għall-kalkolu tal-interessi) jew nuqqas ta' notifika (eż. il-ftuħ ta' rikors għal rimedji speċjali)

Bħala riżultat ta' dawn l-inugwaljanzi, mhuwiex ċert bħalissa taħt liem ċirkostanzi l-protezzjoni żgurata mir-Regolament effettivament tapplika. B'mod partikolari, mhuwiex ċert jekk konvenuti barranin hux se jkunu protetti, fejn xieraq, mir-regoli tar-Regolament dwar id-dritt li jiġi rifjutat dokument (l-Artikolu 8), id-data tan-notifika (l-Artikolu 9), u d-drittijiet tad-difiża fil-każ ta' kontumaċja.

---

14 COM (2010)0748.
15 COM(2011)445finali.
16 COM(2011)276finali.

Tinqala' kwistjoni dwar sa fejn dawn l-inugwaljanzi bejn liġijiet ta' Stati Membri u n-nuqqas ta' ċertezza ġuridika li tirriżulta għal ċittadini huma xierqa fil-kuntest ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni Ewropea, partikolarment fid-dawl tal-abolizzjoni tal-exequatur fejn il-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża huma element kruċjali li għandu jiġi protett bejn il-fruntieri.

3.1.5. Konklużjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni

Il-punti li ħarġu qabel juru li operazzjoni sodisfaċenti tar-Regolament tista' teħtieġ kjarifika rigward l-ambitu tal-istrument fuq livell ta' Unjoni. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' ċertezza ġuridika li tirriżulta mill-inugwaljanzi f'liġijiet proċedurali nazzjonali jista' jkollha bżonn tiġi indirizzata. Dan huwa partikolarment importanti fid-dawl tar-rwol kruċjali tar-Regolament fil-kooperazzjoni sħiħa tal-ġustizzja ċivili u l-abolizzjoni tal-exequatur. Illum hemm iktar esperjenza permezz tas-snin ta' applikazzjoni ta' regoli komuni dwar it-trażmissjoni ta' dokumenti f'kawżi transkonfinali. Jista' jkun xieraq issa li jiġi kkonsidrat il-bżonn li tiġi indirizzata din l-inċertezza ġuridika, b'mod partikolari permezz ta' standards minimi komuni dwar liem dokumenti jistgħu jiġu notifkati lil partijiet barranin, fuq min tista' sseħħ notifika bħal din, u f'liem mument għandha ssir notifika. B'dan il-mod, tiġi żgurata protezzjoni iktar uniformi tal-konvenuti madwar l-Unjoni u mingħajr l-ebda dubju titkabbar iċ-ċertezza ġuridika u l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża.

3.2. Limitazzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

3.2.1. In-nuqqas ta' applikazzjoni tar-Regolament fejn l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi notifikata ma jkunx magħruf.

Ir-Regolament ma japplikax meta l-indirizz tal-persuna li tkun trid tiġi notifikata bid-dokument ma jkunx magħruf. Kienu rrappurtati problemi f'dan il-kuntest. Xi kultant ġew trażmessi dokumenti bl-eċċezzjoni li korpi ċentrali stabbiliti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament assistew fis-sejba tad-destinatarju. Alternattivament, sar użu tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001[17] ("ir-Regolament dwar Xhieda") sabiex jinsab l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi notifikata. Madankollu, dan l-aħħar metodu kien ikkritikat għax huwa wisq ineffiċjenti peress li jridu jintużaw żewġ strumenti ġuridiċi differenti għall-iskop uniku tan-notifika ta' dokumenti. Barra minn hekk, ġie mistoqsi jekk ir-Regolament dwar Xhieda huwiex l-istrument xieraq biex jinsab l-indirizz ta' parti, partikolarment fid-dawl tal-ambitu ta' dak ir-Regolament u l-ħtieġa, skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar Xhieda, biex jindika l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet għall-proċedimenti, li jidher li jippresupponi li dawn l-indirizzi huma magħrufin.

Il-mistoqsija kif u b'liem mezz jinsab l-indirizz tal-konvenut hija importanti, partikolarment fid-dawl tal-applikazzjoni ta' numru ta' strumenti ta' ġustizzja ċivili, bħar-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ara l-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament)[18] u r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 rigward il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u l-kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri (ara l-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament). Dawn l-istrumenti jimponu sospensjoni tal-proċedimenti sakemm ma

---

[17] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali, ĠU L174/1, 27.06.2001.

[18] Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1215/2012 mill-10 ta' Jannar 2015.

jintweriex li l-konvenut seta' jirċievi d-dokument li jniedi l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti sabiex ikun jista' jagħmel arranġamenti għad-difiża tiegħu, jew li *l-passi kollha meħtieġa jkunu ttieħdu għal dan il-għan*. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'rispett għall-Artikolu 26(2) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, li qorti f'sitwazzjoni bħal din tista' tkompli raġonevolment bil-proċedimenti, jekk tkun sodisfatta li l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa mill-prinċipji ta' diliġenza u ta' bona fidi ttieħdu biex jiġi traċċat il-konvenut (ara l-Kawża C-327/10 *Hypoteční banka v. Lindner*, paragrafu 52 u C-292/10 *Cornelius de Visser*, paragrafu 55). F'dan ir-rigward, huwa importanti li wieħed ikun jaf dak li jista' jkun mistenni bħala "passi neċessarji" biex jittieħdu minn min (mill-qorti li tassumi l-kompetenza, mill-partijiet, mill-Korp Ċentrali jew mill-aġenzija li tirċievi fl-Istat indirizzat)

Fid-dawl ta' dawn id-diffikultajiet, jista' jkun xieraq li jiġi kkonsidrat kif tiġi rrimedjata d-diffikultà ferm bażika u prattika li jinsab l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi notifikata u biex jiġu kkjarifikati l-obbligazzjonijiet rispettivi tal-awtorijitajiet involuti fin-notifika. Jista' jiġi kkonsidrat jekk sitwazzjonijiet fejn l-indirizz tal-konvenut ma jkunx magħruf ma jkunux setgħu jinġiebu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ma' ċerti obbligazzjonijiet biex titwettaq tfittxija għall-indirizz tal-konvenut. Tal-inqas jista' jiġi kkjarifikat sa fejn aġenziji li jirċievu għandhom iwettqu tfittxija għall-indirizz tal-konvenut jekk l-indirizz huwa magħruf iżda ma jidhirx li hu korrett.

3.2.2. Notifika ta' dokumenti lil Stati

Ir-Regolament ma jinkludix, b'mod partikolari, kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti jew ommissjonijiet fl-eżerċiżżju tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*). F'ċerti Stati Membri, tqajmu mistoqsijiet rigward in-notifika ta' dokumenti lil Stati. L-Artikolu 1 jeskludi l-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. *A contrario* u skont il-linji gwida mogħtija mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tat-terminu "kwistjonijiet ċivili u kummerċjali" f'tilwim bejn awtorità pubblika u persuna privata, tilwim bħal dan jista' jkun kopert mir-Regolament sakemm jikkonċerna talbiet ċivili u l-Istat konċernat aġixxa bħala persuna privata (*acta iure gestionis*). Wieħed għandu jinnota li anki jekk id-destinatarju ta' dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarju fi kwistjoni ċivili jew kummerċjali huwa Stat jew entità ta' Stat, il-metodi kollha ta' trażmissjoni stipulati mir-Regolament jistgħu jintużaw għal skopijiet biex jiġu notifikati dokumenti barra mill-pajjiż.

3.3. Ħeffa tat-trażmissjoni u n-notifika

Meta n-notifika ta' dokumenti tiġi effettwata permezz ta' aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu, il-perjodu ta' żmien għall-eżekuzzjoni tar-rikjesta jkun ta' xahar[19]. Madankollu, l-ebda data tal-għeluq mhi stipulata għat-trażmissjoni ta' dokumenti bil-posta, notifika diretta jew permezz ta' mezzi diplomatiċi.

Mill-istudju jidher li r-Regolament tal-2007 ħaffef b'mod moderat in-notifika ta' dokumenti bejn l-Istati Membri kkomparat mar-Regolament tal-2000 (ara l-Anness 1). Dan ir-riżultat jista' jitqies sodisfaċenti, partikolarment meta b'mod parallel in-numru ta' rikjesti għal notifiki transkonfinali żdied. Pereżempju, fil-Ġermanja, in-numru żdied minn 14,463 kawża fl-2009 għal 16,329 kawża fl-2010; fir-Renju Unit, in-numru żdied minn 9,852 kawża fl-2009 għal 10,395 kawża fl-2010. Madankollu, id-dokumenti ġew notifikati iktar malajr minn qabel.

[19] L-Artikolu 7(2) tar-Regolament.

Jista' għalhekk jiġi konkluż li r-Regolament tal-2007 laħaq l-objettiv tiegħu biex ikompli jħaffef in-notifika bejn l-Istati Membri.

Madankollu, id-dejta empirika turi li għad għandu bżonn dewmien relattivament twil biex jinnotifika barra mill-pajjiż. Partikolarment meta dokumenti jiġu trażmessi permezz ta' aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu, iż-żmien meħtieġ għal dawk l-aġenziji biex jaġixxu, ikkalkolat f'daqqa, xorta fil-maġġoranza tal-każijiet jammonta għal numru ta' xhur. Dan id-dewmien jista' jiġi spjegat b'numru ta' fatturi. L-ewwel nett, jista' jkun meħtieġ ċertu ħin biex tintbagħat rikjesta indirizzata ħażin lill-aġenzija kompetenti li tirċievi. Aktar importanti minn hekk, jidher li l-maġġoranza tad-dewmien jirriżulta minn nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi tal-aġenziji (l-aġenziji mhumiex kompetenti fil-lingwi li l-Istati Membri tagħhom indikaw bħala aċċettabbli biex jiġu rċevuti d-dokumenti) u/jew in-nuqqas ta' għarfien suffiċjenti min-naħa tagħhom tar-regoli aċċettabbli (ara l-punt 3.3 hawn taħt). Ċertu dewmien ġie rrappurtat ugwalment minħabba tagħmir insuffiċjenti ta' korpi ċentrali (ara l-punt 3.4 hawn taħt). Madankollu, il-kondotta effiċjenti tal-proċedimenti ġudizzjarji f'Unjoni integrata teħtieġ notifika rapida tad-dokumenti. Għalhekk għandu jiġi studjat kif il-ħin għan-notifika jista' jkompli jitnaqqas, b'mod partikolari billi jiġi esplorat l-użu ta' mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni u notifika.

3.4. Aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu

Il-metodu prinċipali tat-trażmissjoni ta' dokumenti skont ir-Regolament huwa permezz ta' aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu.[20]

B'mod ġenerali, l-aġenziji huma rrapurtati li joperaw b'mod sodisfaċenti taħt ir-Regolament ħlief għan-nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi u/jew in-nuqqas ta' għarfien min-naħa tagħhom tar-regoli tar-Regolament[21]. Pereżempju, aġenziji li jirċievu ġew irrappurtati li jirrifjutaw rikjesti minn lingwa/i oħra apparti l-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat għalkemm dan ikun aċċetta lingwi oħra skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament. Barra minn hekk, jidher li f'xi każijiet aġenziji li jirċievu rrifjutaw li jwasslu d-dokument li għandu jiġi notifikat minħabba li dan ma jkunx tradott fil-lingwa uffiċjali tagħhom, li jista' jkun kontra l-Artikolu 8(1) tar-Regolament.

3.5. Korpi ċentrali

Korpi ċentrali għandhom funzjoni ta' appoġġ, iżda importanti, minħabba li huma responsabbli biex jipprovdu informazzjoni lill-aġenziji ta' trażmissjoni, ifittxu soluzzjonijiet għal kull diffikultà li tista' tinqala' u jibagħtu, f'każijiet eċċezzjonali, wara rikjesta ta' aġenzija ta' trażmissjoni, rikjesta għal notifika lill-aġenzija kompetenti li tirċievi.

B'mod ġenerali, jidher li korpi ċentrali qed joperaw b'mod sodisfaċenti taħt ir-Regolament: 49,6% tal-intervistati tal-istudju sostnew li l-iffunzjonar tal-korpi ċentrali huwa ferm effettiv

---

[20] L-aġenziji huma uffiċjali pubbliċi, awtoritajiet jew persuni oħra kompetenti għat-trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji biex jiġu notifikati maħtura mill-Istati Membri.

[21] 29,9% tal-intervistati tal-istudju ta' evalwazzjoni mwettqa żammew in-nuqqas ta' familjarità tal-aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu mar-Regolament (li jinkludi l-fenomenu li jintużaw lingwi skorretti) bħala problema fir-rigward ta' mudell deċentralizzat ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali. Ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, pp. 26 u 160.

jew pjuttost effettiv, filwaqt li 18% biss ikkonsidraw ix-xogħol tagħhom pjuttost ineffettiv jew mhux effettiv.[22] Madankollu, tqajmu ċerti problemi mill-istudju.

L-ewwel nett, huwa rrappurtat li f'ċerti Stati Membri, korpi ċentrali mhumiex mgħammra sew mil-lat tekniku (eż. l-ebda kompjuterizzazzjoni). Sitwazzjoni bħal din jista' jkollha konsegwenzi negattivi fuq il-ħeffa u ċ-ċertezza tat-trażmissjoni.

It-tieni nett, l-istudju nnota l-aspettattivi ta' ċerti aġenziji ta' trażmissjoni li l-korpi ċentrali jipprovdu assistenza biex jinsabu destinatarji li l-indirizz tagħhom ma jkunx magħruf. Jista' ma jkunx totalment ċar mir-Regolament kemm il-korpi ċentrali għandhom joffru l-assistenza tagħhom f'dan ir-rigward. Meta tiġi trattata l-problema biex jinsab l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi notifikata, ir-rwol tal-korpi ċentrali għandu jiġi kkonsidrat u kkjarifikat sabiex jiġu żgurati applikazzjoni u aspettattivi uniformi taħt ir-Regolament.

Finalment, jidher li l-informazzjoni dwar korpi ċentrali pprovduta fl-Atlas Ġudizzjarju[23] mill-Istati Membri huwa differenti minn Stat Membru għall-ieħor. F'ċerti każijiet, l-informazzjoni hija aktar ddettaljata minn oħrajn. L-Artikolu 23(1) flimkien mal-Artikolu 3 tar-Regolament, ma jipprovdix gwida ċara dwar liem informazzjoni għandha bżonn tiġi komunikata mill-Istati Membri. Jista' jkun xieraq li jiġu simplifikati l-ħtiġijiet li jikkonċernaw l-informazzjoni disponibbli sabiex tkun l-iktar ta' għajnuna għall-utenti tas-sistema.

3.6. Lingwa tat-talba għal notifika

Kull Stat Membru ħlief il-Lussemburgu jaċċetta l-Ingliż bħala lingwa tal-irċevuta tar-rikjesti biex jiġu notifikati dokumenti (ara l-Anness 2). B'hekk jidher li hemm lingwa waħda użata bejn kważi kull Stat Membru. Barra minn hekk, jidher li kull Stat Membru, ħlief l-Irlanda, il-Lussemburgu u Malta, jaċċettaw rikjesti f'minn tal-inqas lingwa oħra barra mill-lingwa/i uffiċjali tagħhom. Aktar minn nofs l-Istati Membri jaċċettaw rikjesti fi tliet, erba' jew anke ħames (Franza) lingwi.

3.7. Lingwa tad-dokumenti li għandhom jiġu notifikati - id-dritt li jiġi rifjutat li jiġi aċċettat dokument

L-Artikolu 8 tar-Regolament jimmira li jiggarantixxi d-drittijiet proċedurali tad-destinatarju, li jista' jirrifjuta d-dokument jekk ma jkunx imfassal f'lingwa uffiċjali tal-post fejn tiġi effettwata n-notifika jew f'lingwa li d-destinatarju jifhem. B'konnessjoni mal-applikazzjoni ta' dan l-artikolu numru ta' problemi ġew għall-attenzjoni tal-Kummissjoni[24].

Fil-Kawża C-14/07 (*Weiss*) il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja eżaminat ċerti aspetti prattiċi tad-dritt tar-rifjut. Fil-kawża kkonċernata, id-destinatarju rrifjuta li jaċċetta notifika minħabba li r-rikors biss kien tradott fil-lingwa preskritta fl-Artikolu 8 tar-Regolament, iżda mhux l-annessi mehmużin magħha. Il-Qorti ddeċidiet li destinatarju ta' dokument li bih jinbdew il-proċedimenti m'għandux dritt jirrifjuta li jaċċetta dak id-dokument, jekk l-annessi ta' dak id-dokument li ma jkunux ġew tradotti jikkonsistu f'evidenza dokumentarja li għandha funzjoni purament evidenzjali u mhix neċessarja biex jinftiehem is-suġġett tat-talba u l-kawża tal-azzjoni. Fl-istess kawża, il-Qorti ġiet mistoqsija biex tiddeċiedi dwar ir-rwol ta' klawżola

---

22 Ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, p.165.

23 L-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili hija websajt ta' informazzjoni miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea. Bħalissa qed titmexxa għall-Portal tal-Ġustizzja Elettronika

24 35,7% biss tal-intervistati tal-istudju ma sabu l-ebda problema mal-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament, filwaqt li 52,9% indikaw problema. Ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, p. 172

kuntrattwali bejn id-destinatarju u r-rikorrent fejn id-destinatarju qabel li l-korrispondenza bejn il-partijiet kellha titwettaq fil-lingwa tal-Istat Membru ta' trażmissjoni. Il-Qorti ddeċidiet li din il-klawżola ma toħloqx preżunzjoni ta' għarfien ta' dik il-lingwa min-naħa tad-destinatarju, iżda madankollu tikkostitwixxi evidenza li l-qorti tista' tieħu inkonsiderazzjoni biex tiddetermina jekk id-destinatarju jifhimx il-lingwa tal-Istat Membru ta' trażmissjoni.

Barra minn hekk, ġew irrappurtati xi problemi rigward l-użu tal-formoli standard fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-dritt tar-rifjut.

L-ewwel nett, it-test tal-Artikolu 8 mhuwiex ċar dwar il-bżonn tal-għoti ta' informazzjoni fil-formola standard (l-Anness II mar-Regolament) f'każijiet fejn id-dokument li għandu jiġi notifikat ikun fil-lingwa tal-Istat Membru indirizzat u fejn, għalhekk, id-destinatarju ma jistax jirrifjuta b'mod validu n-notifika (l-Artikolu 8(1)(b)). F'termini prattiċi, l-annessjoni tal-formola standard f'dawn iċ-ċirkostanzi tista' tqarraq bid-destinatarji biex jaħsbu li għandhom id-dritt li jirrifjutaw.

It-tieni nett, tqajmet il-mistoqsija prattika jekk l-Anness II mar-Regolament għandux jitwassal komplut, bit-test fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, lill-konvenut jew jekk jistax jiġi ridott bit-test fil-lingwa tal-Istat Membru indirizzat biss. L-aħħar soluzzjoni tista' tiffranka kostijiet finanzjarji u ambjentali.

It-tielet nett, tqajmet il-mistoqsija dwar il-konsegwenzi ġudizzjarji meta l-aġenzija li tirċievi tonqos milli tipprovdi informazzjoni dwar id-dritt tar-rifjut (tonqos milli tehmeż l-Anness II). Mhux ċar skont liem liġijiet il-valutazzjoni tal-effetti ta' din in-notifika (jiġifieri l-validità tagħha) għandha tkun apprezzata. Mil-lat ta' ċertezza ġuridika tad-destinatarju, din is-sitwazzjoni mhijiex sodisfaċenti peress li l-protezzjoni tiegħu tista' tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Soluzzjoni uniformi tista' tkun mixtieqa.

Ir-raba' nett, ġew irrappurtati problemi biex ikun determinat jekk destinatarju rriffjutax jew le b'mod validu li jaċċetta d-dokument notifikat. L-Artikolu 8 u l-Anness II mar-Regolament jippreskrivu li d-destinatarju jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokument li għandu jiġi notifikat jew fil-ħin tan-notifika (direttament mal-persuna li tkun qed tinnotifika d-dokument) *jew* billi jirritorna d-dokument lill-aġenzija li tirċievi. Fl-istess ħin, l-Anness II jissuġġerixxi li l-formola nnifisha għandha tiġi rritornata mad-dokument li għandu jiġi notifikat (cfr. id-dikjarazzjoni tad-destinatarju). Hemm għalhekk grad ta' ambigwità dwar kif għandu jiġi eżerċitat b'mod validu d-dritt ta' rifjut. F'ċerti każijiet, id-destinatarji ma eżerċitawx id-dritt tagħhom ta' rifjut fil-ħin tan-notifika iżda rritornaw l-Anness II mimli kif suppost (jiddikkjara rifjut) *mingħajr* però ma rritornaw id-dokument notifikat innifsu. Tqajmet il-mistoqsija dwar jekk dan jistax jitqies bħala rifjut validu. Interpretazzjoni litterali tat-test tal-Artikolu 8 tissuġġerixxi li r-rifjut ma jkunx validu. Huwa dubjuż jekk din hijiex interpretazzjoni sodisfaċenti: jekk sempliċement ir-ritorn ta' dokument jikkostitwixxi rifjut validu, *a fortiori* dikjarazzjoni espressa fil-formola, anki mingħajr id-dokument innifsu, għandha tkun valida. Jista' jkun xieraq li din il-kwistjoni tiġi ċċarata fir-Regolament.

Finalment, ir-Regolament jistabbilixxi l-użu ta' formola ta' rifjut iżda ma jistabbilixxix mod kif tintbagħat din il-formola. Ir-rifjut jista' għalhekk jiġi effettwat, pereżempju, billi tingħata l-formola lill-bailiff fil-ħin tal-attentata notifika jew b'sempliċi ittra. Titqajjem il-mistoqsija dwar jekk ikunx xieraq li jiġu imposti ċerti ħtiġijiet formali sabiex titkabbar iċ-ċertezza ġuridika bħala rifjut effettiv sabiex jiġi aċċettat id-dokument li għandu jiġi notifikat.

3.8. Data tan-Notifika

B'mod ġenerali, jidher li l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 (id-determinazzjoni tad-data tan-notifika) kienet sodisfaċenti u li laħqet l-objettiv tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u d-drittijiet ta' kemm ir-rikorrent u kemm id-destinatarju[25]. Madankollu, tqajmu diversi kwistjonijiet: Waħda mill-mistoqsijiet hija d-determinazzjoni tad-data tan-notifika skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat (l-Artikolu 9(1)) f'każijiet fejn in-notifika hija rikjesta minn metodu partikolari skont l-Artikolu 7(1) u dan il-metodu ma jkunx magħruf fl-Istat Membru indirizzat anke jekk ma jkunx inkompatibbli mal-liġi tiegħu. Ovvjament, f'każijiet bħal dawn il-liġi tal-Istat Membru indirizzat mhux neċessarjament tipprovdi għad-data tan-notifika. Tqajmet il-mistoqsija jekk l-Artikolu 9(1) ikunx jippermetti l-konklużjoni, f'sitwazzjoni bħal din, li d-data tan-notifika tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru li jagħmel it-talba fejn il-metodu partikolari jeżisti.

Barra minn hekk, il-premessa 15 tqajjem konfużjoni rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu 9: hija tissuġġerixxi li l-Artikolu 9 ma japplikax fl-Istati Membri kollha u jirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar in-(non)applikazzjoni tar-regola fil-liġijiet nazzjonali. Huwa ovvju li skont it-test tar-Regolament, l-Artikolu 9 ma japplikax fl-Istati Membri kollha u għandu, fl-interess tal-partijiet involuti, japplika kullimkien. Mhuwiex neċessarju għal-liġi nazzjonali li jkollha "sistema ta' data doppja" kif tissuġġerixxi l-premessa 15. L-Artikolu 9 japplika direttament u jiddetermina biss liem liġi tapplika għad-determinazzjoni ta' data mill-perspettiva ta' jew ir-rikorrent jew il-konvenut. Ikun xieraq li kieku tiġi ċċarata l-premessa 15 f'dan ir-rigward.

3.9. Kostijiet tan-Notifika

Bħala regola ġenerali, in-notifika ta' dokumenti li ġejjin minn Stat Membru ma tikkawżax il-pagament ta' taxxi jew ta' spejjeż għal notifiki magħmula mill-Istat Membru indirizzat. Madankollu, meta n-notifika tkun saret jew b'rikors għal uffiċjal ġudizzjarju jew għal persuna kompetenti taħt il-liġi tal-Istat Membru indirizzat jew meta jintalab l-użu ta' metodu ta' notifika partikolari, ir-rikorrent għandu jerfa' l-kostijiet tagħha. Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja, dawn il-kostijiet għandhom jikkorrispondu ma' ħlas fiss uniku.

Fil-prinċipju, l-istabbiliment ta' ħlas fiss uniku ppubblikat fuq l-Atlas Ġudizzjarju tejjeb sostanzjalment it-trasparenza tal-kostijiet relatati man-notifika transkonfinali. Madankollu, il-komunikazzjonijet minn xi Stati Membri mhumiex ċari biżżejjed[26], oħrajn jistipulaw li l-ebda ħlas ma japplika għalkemm dan ma jidhirx li huwa l-każ fil-prattika[27].

Ġew irrappurtati xi problemi prattiċi f'relazzjoni mal-pagament ta' kostijiet. B'mod partikolari, ġie ssuġġerit li jkun ta' għajnuna jekk jiġu inklużi d-dettalji tan-numri tal-kontijiet tal-bank tal-aġenziji, inklużi l-kodiċi tal-IBAN u tal-BIC kif ukoll in-numri tal-VAT sa fejn huwa rilevanti fl-informazzjoni pprovduta dwar l-aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu fuq l-Atlas Ġudizzjarju.

---

25 L-akbar grupp (45,6%) tal-intervistati tal-istudju ta' evalwazzjoni kkonsidra li l-applikazzjoni tal-Artikolu ma kkawżat l-ebda problema. Ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, p. 175

26 Pereżempju, in-notifika Spanjola tistipula li "l-kostijiet huma kif stipulati mil-leġiżlazzjoni Spanjola, li bħalissa ma tispeċifika l-ebda ammont partikolari".

27 Reċentement wasal ilment rigward in-notifika fl-Irlanda.

Barra minn hekk, ġie rrappurtat li awtoritajiet li jinnotifikaw f'ċerti Stati Membri jitolbu kostijiet addizzjonali varji apparti l-ħlas fiss. Dan ma jidhirx kompatibbli mar-Regolament u awtoritajiet li jagħmlu t-talba mhumiex ċerti dwar jekk għandux jitħallas biss il-ħlas fiss jew jekk jistgħux jintalbu kostijiet addizzjonali. Jista' jkun xieraq li dan jiġi ċċarat fir-Regolament.

3.10. Notifika bil-Posta

In-notifika bil-posta tad-dokumenti stipulata fl-Artikolu 14 tar-Regolament hija waħda mill-modi varji biex jiġu notifikati dokumenti. Kull Stat Membru jista' jeffettwa n-notifika ta' dokumenti direttament bil-posta fuq persuni li jgħixu fi Stat Membru ieħor. Din in-notifika bil-posta ssir permezz ta' ittra rreġistrata b'konferma tar-riċevuta jew ekwivalenti. Il-Kummissjoni indunat li minn tal-inqas Stat Membru wieħed, immexxi mill-interpretazzjoni litterali tal-kliem tal-Artikolu, jirrestringi l-applikazzjoni ta' dan il-metodu ta' notifika għal dawk il-każijiet fejn in-notifika ta' dokumenti taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istat, jiġifieri meta l-qrati jiġu fdati bl-operazzjoni tal-liġi bl-inkarigu tan-notifikazzjoni tad-dokumenti.[28] Din l-interpretazzjoni timplika li meta l-partijiet ikunu responsabbli li jieħdu ħsieb tan-notifika, ma jistax ikollhom rikors għal dan il-mod ta' trażmissjoni transfruntiera ta' dokument, u ma jistgħux jitolbu l-korp jew persuna kompetenti taħt il-liġi tal-Istat Membru tar-residenza tagħhom biex jinnotifikaw id-dokument fuq id-destinatarju barra mill-pajjiż skont l-Artikolu 14 tar-Regolament. Fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni l-lingwa tal-Artikolu jistħoqqilha xi titjib sabiex din id-dupliċità fl-interpretazzjoni tkun tista' tiġi eliminata u l-użu tas-servizz postali f'kawżi transfruntieri jsir aċċessibbli ġeneralment għal kulħadd.

L-istudju ta' evalwazzjoni wera li minħabba l-prezz baxx u l-ħeffa tiegħu dan il-metodu ta' konsenja huwa użat frekwentament u huwa ppreferut ukoll mill-metodu ta' trażmissjoni permezz ta' aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu.[29] Madankollu, jeżistu diffikultajiet prattiċi li jaffettwaw b'mod negattiv l-effiċjenza ta' dan il-mod ta' notifika.

Tinsab problema waħda fis-soluzzjonjiet diverġenti li r-regoli nazzjonali ta' proċedura ċivili jbassru meta jiddeterminaw iċ-*ċirku ta' persuni* fuq min tista' tiġi affettwata konsenja postali. F'ċerti Stati Membri, ċerti proċeduri ċivili jeħtieġu konsenja lid-destinatarju *in personam*. Fi Stati Membri oħra, hemm lok għall-imsejħa "notifika sostitwita", meta d-dokument ma jingħatax lid-destinatarju personalment, iżda lil persuna oħra fl-istess indirizz jew id-dokument jitqiegħed fil-kaxxa tal-ittri jew jiġi depożitat f'post speċifikat għal ċertu perjodu ta' żmien għall-iskop ta' kollezzjoni mid-destinatarju. Każijiet ta' "notifika sostitwita" jirriżultaw f'notifika valida tad-dokument taħt il-liġi tal-Istat Membru rikjest iżda ma jistgħux ikunu konformi mal-ħtiġijiet imposti mil-liġi proċedurali ċivili tal-Istat Membru li jagħmel ir-rikjesta. Peress li r-regoli dwar in-notifika postali jvarjaw b'mod sinifikanti fl-Istati Membri, din il-problema ttellef serjament l-użu effiċjenti ta' dan il-metodu ta' notifika.

Problema oħra b'konnessjoni man-notifika postali hi *l-qafas ġuridiku* li l-operaturi postali jkunu soġġetti għalih meta jwettqu konsenja reġistrata ta' dokument lid-destinatarju. Servizzi postali pubbliċi jew privati ġeneralment jużaw "ir-regoli" tagħhom stess (eż. ir-regoli tal-Unjoni Postali Universali jew ir-regoli tal-kumpaniji li joffru servizzi postali privati speċjalizzati) biex iwasslu ittri rreġistrati b'konferma tar-riċevuta. Barra minn hekk, f'ċerti

---

[28] Ġewwa Franza, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mis-*circulaire* tal-Ministru tal-Ġustizzja Nru 11-08 D3 tal-10 ta' Novembru 2008 (ara l-Bulletin officiel du Ministère de la Justice tat-28 ta' Frar 2009).

[29] 48,6% tal-intervistati tal-istudju ammettew użu ferm frekwenti tas-servizz postali, 19,4% minnhom iddikkjaraw preferenza għall-metodu tradizzjonali permezz ta' aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu. Ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, p. 181.

Stati Membri l-operaturi postali jridu jkunu konformi ma' regoli statutorji addizzjonali f'każijiet fejn id-dokument li għandu jiġi notifikat jikkostitwixxi dokument ġudizzjarju jew dokument uffiċjali ieħor. Pereżempju, f'każijiet bħal dawn l-operaturi postali huma obbligati li jużaw ċertifikati speċifiċi ta' notifika jew għandhom iwettqu numru ta' tentattivi konsekuttivi ta' konsenja. Filwaqt li l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma toħloqx problemi meta d-dokumenti li għandhom jiġu notifikati jiġu minn qrati jew awtoritajiet nazzjonali li l-operaturi postali huma familjari magħhom, ir-regoli jistgħu ma jiġux applikati meta l-operatur postali ma jagħrafx in-natura ġudizzjarja ta' dokument barrani. F'ċerti każijiet anke r-regoli statutorji japplikaw biss għal dokumenti mwassla minn qrati jew awtoritajiet nazzjonali u mhux għal dokumenti mwassla minn qrati jew awtoritajiet barranin. Bħala riżultat, in-notifika fl-aħħar tista' tkun invalida taħt il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini jew taħt il-liġi tal-Istat Membru rikjest jew anke, jekk l-operatur ma jkunx għaraf in-natura ġudizzjarja tad-dokument li għandu jiġi notifikat, taħt it-tnejn li huma.

Barra minn hekk, jidher li hemm b'mod iktar ġenerali problema fil-prattika bil-*konfermi tar-riċevuta* li ma jkunux mimlijin sew jew ma jkunux kompluti, għax ma jkunux jistgħu jipprovdu evidenza xierqa dwar il-fatti rilevanti tan-notifika mwettqa jew attentata.[30] Il-Qrati fl-Istati Membri li jkunu qed jagħmlu t-talba ħafna drabi ma jkunux kapaċi jiddeterminaw mir-riċevuta tar-ritorn lil min tkun twasslet il-konsenja jew meta.

Dawn id-diffikultajiet prattiċi juru li anke jekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (cfr. Kawża C-473/04 *Plumex*), il-metodi kollha ta' trażmissjoni stipulati fir-Regolament huma kkonsidrati ugwali, dan jista' ma jkunx il-każ fil-prattika. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-rispett tan-notifika postali, u b'hekk sabiex jiġi promoss dan il-mezz ta' notifika li ġeneralment jiswa inqas minn mezzi oħra ta' notifika, għandu jkun possibbli li jiġi determinat preċiżament lil min id-dokument kien konsenjat u f'liem ċirkostanzi ġiet imwettqa n-notifika. Soluzzjoni possibbli f'dan ir-rigward tista' tkun l-introduzzjoni ta' formola ta' riċevuta tar-ritorn internazzjonali standard biex tintuża minn operaturi postali. Barra minn hekk, jista' jkun ta' bżonn li jiġi żgurat grad aktar għoli ta' konverġenza bejn ir-regoli dwar "notifika sostitwita" għal każijiet ta' notifika postali transfruntiera ġewwa l-Istati Membri.

3.11. Notifika diretta

Ir-Regolament jistabbilixxi possibiltà biex tintuża n-notifika diretta ta' dokumenti bħala metodu ta' trażmissjoni (l-Artikolu 15). Jekk permess taħt il-liġi tal-Istat Membru fejn isseħħ in-notifika, parti fil-proċedimenti tista' taffettwa n-notifika direttament permezz tal-persuni awtorizzati ta' dak l-Istat Membru.

M'hemm l-ebda aċċettazzjoni ġenerali ta' dan il-mekkaniżmu ta' notifika ta' dokumenti. Is-sitwazzjoni bħalissa tinsab kif ġej. Notifika diretta

- hija possibbli fil-Belġju, id-Danimarka, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, il-Finlandja, l-Isvezja (fil-prinċipju), ir-Renju Unit (l-Iskozja u Ġibiltà).

[30] Fl-istudju ta' evalwazzjoni, l-iktar problemi komuni ddikkjarati minn dawk li wieġbu jindikaw li l-konferma tar-riċevuta ma tkunx kompletament mimlija (41,1%) jew mhux ritornata (40,6%) jew il-firma ma tkunx tista' tinqara (34%): ara r-referenza fin-nota 7 f'qiegħ il-paġna, p. 182

- mhix possibbli: fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, fi Spanja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fl-Ungerija, fl-Awstrija, fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovenja, fis-Slovakkja, fir-Renju Unit (l-Ingilterra, Wales, u l-Irlanda ta' Fuq).

- Fil-Ġermanja, l-aċċettazzjoni ta' notifika diretta tiddependi fuq in-natura tad-dokumenti li għandhom jiġu notifikati. Il-Lussemburgu jippermetti notifika diretta fuq il-bażi tar-reċiproċità.

Dan il-metodu ta' trażmissjoni ta' dokumenti huwa ta' suċċess partikolarment fl-Istati Membri fejn il-bailiffs iwettqu n-notifika ta' dokumenti, eż. Franza, Ċipru, il-Greċja jew il-Belġju. Jidher li hemm aktar eżitazzjoni biex jintuża dan il-metodu fi Stati Membri oħra minħabba inċertezza dwar min huma l-uffiċjali ġudizzjarji, uffiċjali jew persuni kompetenti oħra msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament u fil-kundizzjonijiet li taħthom isseħħ in-notifika fl-Istat Membru indirizzat. Id-dettalji ta' kuntatt tal-persuni awtorizzati li jwettqu notifika diretta mhumiex imniżżlin fl-Atlas Ġudizzjarju u mhuwiex ċert kemm dawn il-persuni huma differenti mill-aġenziji li jirċievu. Sabiex jittejjeb dan il-metodu ta' notifika u jsir aċċettabbli għall-Istati Membri kollha, għandu jiġi kkonsidrat biex tiżdied it-trasparenza fuq min iwettaq din in-notifika diretta u jekk għandhomx jiġu stipulati standards minimi (bħal fil-każ tan-notifika postali).

3.12. Meta l-konvenut ma jidhirx għall-proċeduri

L-abolizzjoni ta' exequatur bit-tir li tintlaħaq ċirkolazzjoni libera tas-sentenzi ġewwa l-Unjoni kabbret l-integrazzjoni Ewropea fil-qasam tal-ġustizzja. Ikun ta' aktar benefiċċju jekk tiġi mfittxija ċerta armonizzazzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn il-qrati jagħtu sentenza anke jekk l-ebda ċertifikat ta' notifika jew konsenja ma jkun riċevut (l-Artikolu 19(2)) u tal-limiti ta' żmien għal rikors mill-konvenuti biex jiġu meħlusa mill-effetti tal-iskadenza taż-żmien tal-appell (l-Artikolu 19(4)). L-Artikolu 19 bħalissa jippermetti l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjonijiet f'dan ir-rigward, li ma jiżgurax applikazzjoni uniformi tar-Regolament fuq il-punt kruċjali tal-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża.

Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata konfużjoni dwar l-identità tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 19, jista' jkun xieraq li jiġi allinjat il-kliem ta' dan tal-aħħar mal-kliem użat fi strumenti oħra tal-ġustizzja ċivili. B'mod partikolari, l-Artikolu 19 jirreferi għal "taħrika jew dokument ekwivalenti", filwaqt li strumenti oħrajn (eż. l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) nru 44/2001)[31] jirreferu għal "dokument li bih jinbdew il-proċeduri jew dokument ekwivalenti".

4. QAFAS INTERNAZZJONALI DWAR IN-NOTIFIKA TA' DOKUMENTI

4.1. Ftehim Parallel mad-Danimarka

Waqt il-perjodu ta' rappurtaġġ, fl-2009 il-Kunsill adotta deċiżjoni li tipprovdi għal proċedura għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali[32]. Din il-proċedura tistabbilixxi kif il-koordinazzjoni bejn id-Danimarka u l-

---

31 Ir-Regolament (KE) 44/2001 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1215/2012 mill-10 ta' Jannar 2015.

32 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 (2009/943KE) li temenda d-Deċiżjoni 2006/326/KE biex tipprovdi għal proċedura għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità

Unjoni għandha sseħħ fil-każ ta' negozjati dwar il-ftehim internazzjonali li jistgħu jaffettwaw jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

4.2. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji hija trattat multilaterali li jippermetti notifika ta' dokumenti ġudizzjarji minn Stat firmatarju għal ieħor mingħajr l-użu ta' mezzi konsulari jew diplomatiċi. Kull Stat Membru, ħlief l-Awstrija u Malta, huma partijiet għal din il-konvenzjoni. Il-Konvenzjoni tal-Aja taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni wara l-adozzjoni tar-Regolamenti tal-2000 u tal-2007.

Peress li jkun fl-interess tal-Unjoni li kull Stat Membru japplika l-Konvenzjoni tal-Aja, huwa neċessarju li jiġu awtorizzati l-Awstrija u Malta biex jaċċedu għall-Konvenzjoni fl-interess tal-Unjoni. L-Unjoni ma tistax taċċedi għall-Konvenzjoni hi nnifisha peress li l-Konvenzjoni tbassar biss l-adeżjoni mill-Istati, mhux minn organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika regjonali bħall-UE. L-adeżjoni tal-Awstrija u ta' Malta jippermettu regoli uniformi fuq in-notifika biex japplikaw f'tilwim li jinvolvi konvenuti ta' Stati terzi quddiem il-qrati tal-Istati Membri. Adeżjoni bħal din timplimenta l-impenn politiku tal-Unjoni, magħmul fil-waqt tal-adeżjoni tal-Unjoni mal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fl-2007, biex jiġu promossi l-istrumenti tal-Aja. Il-Kummissjoni pprononiet biex jiġu awtorizzati Malta u l-Awstrija biex jaċċedu għall-Konvenzjoni fis-6 ta' Ġunju 2013[33].

4.3. Relazzjonijiet man-Norveġja, l-Isvizzera u l-Islanda (l-Istati ta' Lugano)

Fir-rigward tal-Istati li huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007, jiġifieri n-Norveġja, l-Isvizzera u l-Islanda, il-Kummissjoni rrakkomandat, fl-2012, lill-Kunsill biex jawtorizza negozjati għall-konklużjoni ta' ftehim ma' dawn l-Istati, fost oħrajn, dwar in-notifika ta' dokumenti. Il-ftehim isaħħaħ il-livell eżistenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja billi titħaffef u tiġi ssimplifikata n-notifika ta' dokumenti bejn l-Istati Membri tal-UE u dawn l-Istati. Barra minn hekk, jappoġġja l-iffunzjonar effettiv tal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007 fejn in-notifika ta' dokumenti huwa element importanti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-konvenut fil-każ ta' kontumaċja u fir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi.

5. KONKLUŻJONI

Ir-Regolament ġie applikat ġeneralment b'mod sodisfaċenti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Madankollu, l-integrazzjoni ġudizzjarja li qed tiżdied tal-Istati Membri ħarġet il-limiti tat-test kurrenti tar-Regolament. Fid-dawl tar-rwol tar-Regolament fil-qafas sħiħ ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ta' ġustizzja ċivili, partikolarment fid-dawl tal-abolizzjoni ta' exequatur, tista' tiġi kkunsidrata integrazzjoni iktar fil-fond ġewwa l-Unjoni, pereżempju permezz ta' standards minimi fuq in-notifika. Barra minn hekk, anke jekk jitnaqqas progressivament id-dewmien għal notifika transfruntiera, kondotta effiċjenti tal-proċedimenti ġudizzjarji fl-Ewropa tirrikjedi li jseħħ progress ulterjuri.

Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali.

[33] COM(2013) 338finali.

Dan ir-rapport se jservi biex jitħeġġeġ dibattitu pubbliku wiesa' dwar ir-rwol tar-Regolament ta' Notifika fiż-żona ta' ġustizzja ċivili tal-Unjoni u kif b'mod partikolari n-notifika ta' dokumenti tista' tittejjeb aktar.

Anness 1

Żmien medju ta' tlestija ta' rikjesti minn aġenziji ta' trażmissjoni u li jirċievu li jipparagunaw is-sitwazzjoni taħt ir-Regolament 1348/2000 u r-Regolament 1393/2007[34]

Stat Membru	L-Aġenziji	Ir-Regolament 1348/2000	Ir-Regolament 1393/2007	Żmien ta' tlestija tar-rikjesti
L-AWSTRIJA	Li jirċievu	minn xahar sa tliet xhur	minn xahar sa xahrejn	+
	Li jibagħtu	inqas minn xahar	inqas minn xahar	=
IL-BELĠJU	Li jirċievu	minn xahar sa tliet xhur	minn xahar sa xahrejn	+
	Li jibagħtu	---	---	
IL-FINLANDJA	Li jirċievu	minn xahar sa tliet xhur	xahar	+
	Li jibagħtu	minn xahrejn sa sitt xhur	xahar	+
FRANZA	Li jirċievu	minn xahar sa xahrejn	minn xahrejn sa erba' xhur	-
	Li jibagħtu	---	xahar	
IL-ĠERMANJA	Li jirċievu	minn xahar sa tliet xhur	minn xahar sa xahrejn	+
	Li jibagħtu	minn xahar sa xahrejn	minn xahar sa xahrejn	=
IL-GREĊJA	Li jirċievu	minn xahrejn sa sitt xhur	minn tlieta sa erba' xhur	+
	Li jibagħtu	inqas minn xahar	inqas minn xahar	=
L-IRLANDA	Li jirċievu	minn xahrejn sa tliet xhur	minn xahrejn sa tliet xhur	=
	Li jibagħtu	inqas minn xahar	inqas minn xahar	=
L-ITALJA	Li jirċievu	minn xahrejn sa tliet xhur	minn tlieta sa sitt xhur	-
	Li jibagħtu	minn xahrejn sa tliet xhur	minn xahrejn sa tliet xhur	=
Il-LUSSEMBURGU	Li jirċievu	minn xahar sa xahrejn	minn xahar sa xahrejn	=
	Li jibagħtu	---	minn xahar sa xahrejn	
IL-PORTUGALL	Li jirċievu	minn xhar sa sitt xhur	minn xahrejn sa tliet xhur	+
	Li jibagħtu	---	disa' xhur	-
SPANJA	Li jirċievu	minn xahrejn sa sitt xhur	minn tlieta sa ħames xhur	=

[34] Ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta mill-aġenziji għall-istudju dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, rapport finali Mejju 2012.

	Li jibagħtu	minn xahar sa xahrejn	minn xahar sa erba' xhur	-
L-Isvezja	Li jirċievu	minn xahar sa xahrejn	---	=
	Li jibagħtu	inqas minn xahar	---	=

Anness 2

	LINGWA NOTIFIKATA GĦAR-RIĊEZZJONI TAR-RIKJESTI																		
	EN	**DE**	**FR**	**ES**	**IT**	**DU**	**BG**	**SK**	**CZ**	**FI**	**LT**	**LV**	**PL**	**PT**	**RO**	**SE**	**SL**	**DA**	**GR**
AT	x	x																	
BE	x	x	x			x													
BG	x		x				x												
CY	x																		x
CZ	x	x						x	x										
DK	x		x															x	
ES	x		x	x										x					
FI	x									x						x			
FR	x	x	x	x	x														
DE	x	x																	
EL	x		x																x
HU	x	x	x																
IE[35]	x																		
IT	x		x		x														
LV	x											x							
LT	x		x								x								
LU		x	x																
MT	x																		
NL	x	x																	
PL	x	x											x						
PT	x			x										x					
RO	x		x												x				
SK	x								x										
SI	x																x		
SE	x															x			
UK	x		x																

35 L-Irlanda taċċetta wkoll ir-riċevuta tad-dokumenti bl-Irlandiż.